MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2320/2004

**Panta Marketing & Services Limited (C-1123)**
**vs**
**Mark Borg Costanzi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab il-hlas ta' mitejn u disghin lira Maltija u tmienja u ghoxrin centezmu (Lm290.28) rapprezentanti prezz ghax-xoghol fuq sistema ta' boiler u burners maghmul mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq inkarigu tal-konvenut stess.**
**Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti u bl-imghaxijiet legali sad-data talk-pagament effettiv.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-11 ta' Jannar, 2005 fejn il-konvenut cahad it-talbiet tas-socjeta` attrici li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhm jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici stante illi x-xoghol in kwistjoni sar hazin u/jew ma sarx**

**skond il-ftehim tal-partijiet u/jew mhux skond is-sengha u l-arti u kwindi xejn mhu dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici.**
**Ra l-eccezzjoni ulterjuri sollevata fis-seduta tal-20 ta' Jannar, 2006, li l-azzjoni hija preskritta a tenur tal-Art.2148 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, u fis-seduta tal-1 ta' Marzu indika specifikatament l-Art.2148(a) tal-Kap.16.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab il-hlas ta' elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00), u fejn intqal illi x-xogholijiet maghmula mis-socjeta` attrici mhux talli ma sarux skond il-ftehim tal-partijiet u skond is-sengha u l-arti izda talli ikkawzaw danni u spejjez ulterjuri lill-konvenut li jammontaw ghall-elf u erba' mitt lira Maltija (Lm1400.00) jew somma inferjuri peress illi l-konvenut kellu iqabbad lill-socjeta` terza biex tirrettifika l-hsarat li saru mis-socjeta` attrici u taghmel l-istallazzjoni tal-boiler in kwistjoni, u ghalhekk il-konvenut talab li s-socjeta` attrici tigi kkundannata thallas dan l-ammont.**

**Ra r-risposta ghall-kontro-talba prezentata fit-3 ta' Frar, 2005 fejn intqal :**
**i. Illi fl-ewwel lok it-talbiet tal-konvenut rikonvenjenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi kwalunkwe xoghol esegwit mis-socjeta` attrici rikonvenuta sar sew u skond is-sengha u l-arti.**
**ii. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ix-xoghol kollu li sar mis-socjeta` attrici rikonvenuta sar a soddisfazzjon tal-konvenut rikonvenjenti.**
**iii. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju jekk kien hemm xi hsarat fil-boiler dawn m'huma b'ebda mod imputabbli lis-socjeta` attrici rikonvenuta.**
**iv. Illi in ogni kaz l-ammont pretiz huwa ferm eccessiv.**
**v. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.**
**Bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Adrian Theuma, Richard Bezzina, Anthony Falzon . Ra l-affidavit ta' Mark Borg Costanzi.**

**Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha t-trattazjoni da parti tad-difensuri fuq l-ewwel eccezzjoni.**

**Ikkunsidra :**

**1. Din id-decizjoni hi limitata dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut cioe` li l-azzjoni hi preskritta a tenur tal-Art.2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**2. L-imsemmi Artikolu 2148(a) jipprovdi ghall preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il-xahar.**

**3. Fil-kaz in ezami is-socjeta` attrici Panta Marketing qed titlob il-hlas ghall-xoghol fuq sistema ta' boilers. Adrian Theuma, Works Manager mas-socjeta` attrici spjega li l-konvenut kien inkariga lis-socjeta` attrici biex taghmillu ix-xoghol, u s-socjeta` attrici baghtet in-nies taghha. Ma hemmx dubju li panta marketing hija impriza li tforni servizzi.**

**4. Kif gie ritenut mill-Qrati taghna l-preskrizzjoni nvokata ma hix applikabbli ghall-min qieghed jezercita impriza, bhal ma hija qed taghmel fil-fatt is-socjeta` attrici, izda se mai kienet tapplika dik ta' sentejn.**

**Kif gie ritenut mill-Qorti:**

**"………jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmientax il-xahar l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, haddieda, argentieri, arluggara, u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xoghlijiet taghhom, jew tal-materjal li jfornu.**

**…..…jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' sentejn l-azzjonijiet …………., u tal-kuntratturi ta' bini iehor jew ta' xogholijiet ohra tal-injam, gebel jew materjal iehor, ghall-opri mahdumin minnhom jew ghall-materjal li jfornu.**

**L-ewwel imsemmija disposizzjoni tapplika ghall-krediti tal-artefici li jipprestaw l-opra taghhom filwaqt illi t-tieni preskrizzjoni tirriferixxi ghall-krediti ta' dawk li fihom ikun prevalenti l-karattru ta' spekulaturi, u li, aktar minn opra jipprestaw xoghol – "opus" – minghajr distinzjoni in rigward tan-natura tax-**

**xogholijiet, u minghajr qies tal-importanza tas-somministrazzjonijiet…….**
**Invokata wahda mill-preskrizzjonijiet partikulari kontemplati mill-Ligi, l-Qorti ma tistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni partikulari ohra li ma gietx invokata.” (Domenico Bezzina pro et noe vs John Said - dec.4.3.1958 – Vol.XLII –1152)**

**Ghalhekk fil-kaz odjern in vista tan-natura tas-socjeta` attrici u x-xoghol prestat, l-eccezzjoni sollevata hija insostenibbli.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(a) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u jordna l-prosegwiment fil-mertu.**
**L-ispejjez ta’ dina d-decizjoni preliminari ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------